MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 179/2012

**GO p.l.c
C - 22334**

**Vs**

**Mario Zammit
I.D. 271867M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta’Marzu, 2012 fejn is-socjeta attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkunddannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disa’ mija u tmienja u ghoxrin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€928.21) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C40147094* moghtija mis-Socjeta’ attrici u dan kif ser jigi ‘ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’din il-kawza u skont

l-annessi dokumenti Dok IZY 1 u IZY 2 prospett u applikazzjoni ghas-servizz relattiv.

Illi l-konvenut gie ‘nterpellat sabiex ihallas izda baqgha inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, bl-imghax legali u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-12 ta’ Ottubru, 2012 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tat-12 ta’ Ottubru, 2012 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disa’ mija u tmienja u ghoxrin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€928.21) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------